Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 58/2018/1

**John Winfield (appellant)**

**Vs**

**L-Awtorita tal-Artijiet (appellat)**

30 ta' April, 2019.

1. Ir-rikorrent appella minn sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tal-20 ta' Dicembru, 2018 li biha l-appell tieghu li bih talab li tintlaqa' t-talba tieghu ghal: *"Encroachment for the grant of Government property for tables & chairs at Dr Juice Snack Bar, 54, Triq il-Gzira bir-riferenza GLA12B/2018/0011/PZ"*.

2. Ir-rikorrent irid li taht il-bankina jpoggi mwejjed u siggijiet fejn ghandu l-istabbiliment Dr Juice fil-Gzira u ghalhekk talab lill-intimata taghtih *encroachment* f'area ta' 16.7 metri kwadri. Talba li l-intimata cahdet bir-raguni tkun, ***"Peress li mhux fl-ahjar uzu tal-art meritu tal-applikazzjoni"***. Fit-twegiba (fol. 23) l-intimata argumentata, *"F'dan il-kaz il-Bord iddecieda illi l-uzu prospettat mir-rikorrenti m'huwiex uzu ahjar minn dak ezistenti u stante l-problema dejjem tikber ta' nuqqas ta' parkegg pubbliku wiehed jista' jifhem ben tajjeb din ir-raguni"*.

3. Jirrizulta li b'ittra datata 30 ta' Novembru, 2016 Transport Malta infurmat lill-appellat li ma kellhiex oggezzjoni *"for a timber platform and tables and chairs in the proposed location in front of Eating Place 54, Gzira Road, Gzira as indicated in the attached layout plans"*.

4. L-aggravji tal-appellant huma:

i. Interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi fir-rigward il-kompetenza tal-Awtorita tal-Artijiet, Transport Malta u entitajiet ohrajn.

ii. Interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi fir-rigward tal-kompetenza tat-Tribunal u natura tal-azzjoni u ilment tal-appellant.

iii. L-ispejjez.

5. It-Tribunal irraguna li:

> *"Illi t-Tribunal josserva illi ma hemm bzonn l-ebda prova xjentifika illi fiz-zona ta' fejn qieghed jintalab l-encroachment hija zona kemm traffikuza u kif ukoll fejn wiehed difficilment isib parkegg. Ghalhekk id-decizjoni ta' telf ta' parkegg, anke jekk wiehed, ghandha tigi ezaminata mill-ottika ta' fejn tkun iz-zona li qieghed jintalab l-encroachment. It-Tribunal hu konxju wkoll illi matul Triq ix-Xatt, Gzira/Sliema hemm numru ta' encroachments ghal imwejjed u siggijiet li hadu postijiet ta' parkegg, liema encroachments fil-maggorparti taghhom inghataw mill-predecessur tal-Awtorita` intimata u tnejn minnhom inghataw mill-Awtorita` prezenti. Illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza li jippronunzja ruhu fuq materji ta' diskriminazzjoni peress li din hija materja li tezorbita l-kompetenza tieghu. Jirrizulta pero` illi fl-istess triq, u cioe` Triq il-Gzira, Gzira, m'hemm l-ebda encroachments ezistenti anke jekk kif gia` intqal iktar 'il fuq hemm encroachments ftit metri 'l boghod pero` fi triq ohra.*
>
> *Illi ghalhekk dan it-Tribunal se jillimita ruhu u jezamina jekk l-Awtorita` intimata setghetx tiehu in konsiderazzjoni kwistjoni ta' nuqqas ta' parkegg meta giet biex tevalwa d-decizjoni in kwisjtoni, jew jekk din id-decizjoni kinitx tispetta biss lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.*
>
> *Kif gia` gie msemmi iktar 'il fuq, l-Awtorita` intimata ghandha l-obbligu li tara li jsir l-ahjar uzu mill-art pubblika. Il-mistoqsija f'dan il-kaz huwa x'inhu l-ahjar uzu fil-lok in kwistjoni? Parkegg ta' vettura jew numru zghir ta' mwejjed u siggijiet? Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-Awtorita` intimata ghandha kull dritt u obbligu, li minkejja li Awtoritajiet ohra jistghu ma jsibu l-ebda oggezzjoni, tiddeciedi hi dwar l-ahjar uzu tal-art pubblika. F'dan il-kaz, fil-fehma umli tat-Tribunal, meta wiehed jikkonsidra l-problema ta' parkegg li hemm fiz-zona, fatt maghruf minghajr bzonn ta' hafna provi teknici, l-ahjar uzu li jista' jsir mill-ispazju in ezami huwa li jibqa' spazju ta' parkegg, tenut kont ukoll il-fatt illi z-zona ta' quddiem il-hanut tar-rikorrent hija inkrocju importanti fejn it-traffiku diehel u hiereg sabiex jaqsam min-naha tax-Xatt 'il gewwa lejn Rue d'Argens,u fejn vetturi kummercjali isibu lok fejn jipparkjaw billi t-toroq 'il gewwa huma kemmxejn dojoq. L-interess pubbliku li l-Awtorita` intimata ghandu jiggwidaha fid-decizjoni taghha jiddetta illi huwa aktar ghaqli li l-ispazju jitgawda bhala parkegg ta' vettura milli ghal skop kummercjali ta' persuna wahda. It-Tribunal jifhem li r-rikorrent jista' jhossu urtat meta jara li ftit boghod mill-istabbiliment tieghu hemm stabbilimenti ohra li qeghdin igawdu l-facilita` li jixtieq hu. Pero` fost dawn irrizulta li hemm minnhom minghajr permess filwaqt li ohrajn ghandhom il-permess, anke ricenti da parti tal-Awtorita`. Pero` dan it-Tribunal ma jhossx li huwa kompitu tieghu li jidhol f'xi paraguni stante li dan mhux il-forum appozitu. Jekk ir-rikorrent ihoss li qieghed jigi diskriminat ghandu jfittex rimedju f'forum iehor. Madankollu t-Tribunal jissollecita, kif diga ghamel, lill-Awtorita` intimata sabiex kemm jista' jkun ma tippermettix illegalitajiet fejn jidhlu mwejjed u siggijiet fuq barra ta' stabbilimenti, anke ghaliex dan ikun ifisser biss uzurpazzjoni ta' art pubblika a detriment tal-pubbliku in generali".*

6. Fl-ewwel aggravju l-appellant argumenta li l-appellata ma kellha l-ebda jedd li tichad it-talba ghar-raguni li kien jintilef parkegg, in kwantu dik kienet materja ta' kompetenza tal-Awtorita ghat-Trasport li skont il-Kap. 499 tipprovdi u tirregola l-postijiet ta' parkegg ghall-vetturi bil-mutur f'postijiet pubblici u fit-toroq.

7. Il-qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament. Hi l-ligi stess li taghti lill-appellata bl-amministrazzjoni tal-proprjeta tal-Gvern (artikolu 7(c) tal-Att dwar l-Awtorita tal-Artijiet, Kap. 563). Amministrazzjoni li l-ligi tghid li hi *"bl-akbar mod assolut sabiex isir l-ahjar uzu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta"*, u li skont l-istess disposizzjoni tinkludi *'toroq'*. Fil-parti tat-triq fejn l-appellant irid ipoggi imwejjed u siggijiet, hemm spazju ta' parkegg. L-appellata iddecidiet a bazi ta' dak li hemm illum u mhux x'jista' forsi jsir fil-futur.

8. Hu evidenti li l-appellata ddecidiet li f'dik il-parti tat-triq l-ahjar uzu li jista' jsir mill-art tal-Gvern hu li l-ispazju jitkompla jintuza bhala spazju ta' parkegg u mhux ghall-interess personali ta' kummercjant wiehed. Kif sewwa qal it-Tribunal, hu fatt maghruf li f'dik il-parti tal-Gzira hemm problema kbira ta' *parking*. Ghal kull permess li qeghda taghti l-appellata biex f'*parking space* jew iktar jitpoggew imwejjed u siggijiet ghall-beneficcju personali ta' negozjant, ifisser tnaqqir ta' spazju prezzjuz li jkun qieghed jintuza bhala parking space. Dan ovvjament ikompli jzid ghall-inkonvenjent generali ta' nuqqas ta' *parking spaces* u wkoll jkompli jwassal sabiex xufiera ta' karozzi jipparkjaw fejn gie gie, inkluz fuq il-bankini. Ghandu jkun ovvju ghal kulhadd li t-toroq ma jinbnewx sabiex fihom jitpoggew l-imwejjed u siggijiet ta' stabbilimenti kummercjali.

9. Fit-tieni aggravju l-appellant ilmenta li t-Tribunal naqas li jippronunzja ruhu fuq il-materja ta' diskriminazzjoni li ssemmew f'paragrafu 33 sa 52 tan-nota ta' sottomissjonijiet. It-Tribunal irraguna li ghalkemm jifhem li l-appellant jista' jhossu urtat ghaliex ftit 'il boghod hemm stabbilimenti ohra li qeghdin igawdu minn facilita li jixtieq hu u whud minnhom inghataw *"... il-permess, anke ricenti da parti tal-Awtorita"*. Zied ighid li m'huwiex il-foro kompetenti sabiex jiddeciedi

dwar diskriminazzjoni. Il-qorti hi tal-fehma li l-uzu tal-kelma diskriminazzjoni hi barra minn lokha. Diskriminazzjoni ssehh fejn persuna tigi trattata b'mod differenti minn haddiehor minhabba certi karatteristici, li m'huwiex il-kaz in ezami.

10. Kien ikun iktar floku li wiehed jirreferi ghall-kuncett ta' konsistenza dwar il-mod kif tiddeciedi l-Awtorita. Wiehed mill-ilmenti tal-appellanti fir-rikors promotur (ara paragrafu 9) kien li matul dawn l-ahhar snin, *"…. l-Awtorita intimata accettat sensiela ta' talbiet minn stabbilimenti tal-ikel u tax-xorb sabiex johorgu imwejjed u siggijiet f'toroq u art pubblika u dan anke fil-vicinanzi tal-art de quo, u dan f'kazijiet fejn certament li l-interferenza fit-tgawdija tal-art pubblika kienet ferm ikbar mill-feles art li talab ir-rikorrent…. Dan mhux biss fl-interess ta' kjarezza u* ***konsistenza fid-decizjonijiet****, izda wkoll sabiex ma jkunx hemm abbuz u wkoll fl-interess tas-suq liberu. Illi gialadarba l-Awtorita' intimata konsistentement tul l-ahhar snin accettat talbiet ghal imwejjed u siggijiet, ma kellhiex tichad it-talba tar-rikorrent jew semmai kellha tibbazi tali bidla fit-trattament fuq ragunijiet u kriterji oggettivi"*. Fis-sentenza tal-Qorti Suprema Ingliza **Gallaher Group Ltd et v The Competition and Markets Authority** deciza fis-16 ta' Mejju, 2018 mill-Qorti Suprema tal-Ingilterra, intqal:-

*"24. Whatever the position in European law or under other constitutions or jurisdictions, the domestic law of this country does not recognise equal treatment as a distinct principle of administrative law.* ***Consistency, as Lord Bingham said in the passage relied on by the appellant (para 19 above), is a 'generally desirable' objective, but not an absolute rule****"*.

11. Irrispettivament x'inhi l-posizzoni, ma ngiebet l-ebda prova li fi Triq il-Gzira l-appellata tat *encroachment* lil terzi sabiex ipoggu imwejjed u siggijiet fit-triq. Il-qorti lanqas ma taqbel mar-ragunament tal-appellant u li fil-fehma taghha jaf iwassal ghal sitwazzjoni assurda li jekk jinghata *encroachment* wiehed ikun ifisser li kull min japplika ghandu jinghata *encroachment*. Kull applikazzjoni ghandha wkoll tigi ezaminata *on its own merits*. Fil-fatt fis-sentenza l-Bord ikkunsidra wkoll il-htiega ta' spazji ta' parkegg fl-akwata fejn l-appellant ghandu

l-istabbiliment tieghu. Ghalkemm l-appellant ilmenta li l-Awtorita' naqset milli tapplika kriterji u *policies* konsistenti, dan ma giex ippruvat. Ma jirrizultax li fir-rigward ta' Triq il-Gzira kien hemm *policy* li l-Awtorita naqset milli tapplika jew applikat b'mod hazin fil-konfront tal-appellat.

12. M'huwiex bizzejjed li l-appellant jaghmel riferenza ghall-*encroachments* li hemm fi Triq ix-Xatt, fejn is-sitwazzjoni m'hijiex identika ghal dik tat-triq fejn jinsab l-istabbiliment tal-appellant. Meta l-Awtorita tal-Artijiet twaqqfet, fi Triq ix-Xatt kien hemm diga' diversi *encroachments* ghal tqeghid ta' imwejjed u siggijiet li kienu ilhom snin twal li nghataw mid-Dipartiment tal-Artijiet. Mhux l-istess fi Triq il-Gzira. Dan apparti li skont it-taghrif li tat Dr Giordmaina (seduta tat-3 ta' Settembru, 2018) kemm ilha li twaqqfet l-Awtorita' permess ta' *encroachment* inghata f'kaz wiehed biss (ara dokument intestat *'Encroachments for tables and chairs Triq ix-Xatt, Gzira/Sliema'* a fol. 199). Fil-kaz tal-*encroachment* li nghata mill-appellata fil-5 ta' Ottubru, 2017 mir-ritratti li pprezenta l-appellant stess, jirrizulta li l-istabbiliment qieghed biswit stabbiliment iehor li kien ilu li nghata *encroachment* sa mit-13 ta' Ottubru, 1993 (ara dokument a fol. 199). Hemm kaz iehor fejn il-Bord ta *approval* matul is-sena 2018 (ara dokument a fol. 200). Stabbilimenti li hu evidenti li m'humiex hdejn dak tal-appellant.

13. Ghalkemm l-appellant jinsisti li d-decizjoni tal-appellat taqa' *"... bl-iktar mod car taht il-parametri tal-Artikolu 469A .......",* tali allegazzjoni ma gietx ippruvata. F'kull kaz l-inkonsistenza wahedha m'hijiex bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li l-att u ultra vires skont dik id-disposizzjoni.

14. Il-qorti ghandha dubji serji wkoll kemm skont *Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Space* pubblikati f'Settembru, 2015, kopja ta' liema gew prezentati mill-appellant, jistghu jkunu ta' beneficcju ghall-appellant. Skont dawk il-*guidelines*, tehid ta' *parking space* sabiex fuqu jitpoggew siggijiet u mwejjed hu kontemplat fil-kaz *"Where the Outdoor Catering Area is **directly adjacent** to parking spaces"* (ara parti li titratta *"Outdoor Catering Area*

*Adjacent to parking spaces"*). Ghalhekk il-parking space jittiehed biex titkabbar *outdoor catering area*, li m'huwiex il-kaz in ezami peress li m'hemm l-ebda *'outdoor catering area'* fuq il-bankina konfinanti mal-istabbiliment tal-appellant.

15. Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, gialadarba l-appell ser jigi michud, m'hemmx htiega li l-qorti tiddeciedi dwar l-ilment. Il-principju hu li t-tellief ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji, u f'dan il-kaz it-tellief hu l-appellant.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.